MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Numru. 292/2013

**Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Tania Borg ta’ 30 sena mart Stephen u bint Anthony u Carmen nee` Azzopardi imwielda Rabat Malta fil-25 ta’ Gunju 1982 u toqghod Blk 3, Flt 3 Binja Hal-Ginwi Triq Axtart Marsaxlokk, detentrici tal-karta tal-identita` numru 289282(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fi Frar 2013 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi

uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh t a' aktar minn elefejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro  u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe s-somma ta' circa €104,000 ghad-detriment tas-socjetajiet Electro Fix Energy u Electro Fix Limited , ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsijata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' circa €104,000 ghad detriment socjetajiet Electro Fix Energy u Electro Fix Limited , ai terminu ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru, 2013;

Semghet li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata hallset id-dann kawzata minnha lill-parte leza li ddikjara fis-seduta tal4 ta’ Dicembru, 2013, illi llum jinsa pjenement sodisfatt.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett (3) snin, mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------